# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Seykou Ballde**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Seykou Ballde,** iben Kafi u Hawa nee Njamgo, imwieled il-Guinea u residenti Providenza Flats, Flat 1, Triq il-Gifen, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta tal-identita 47996(A) u Police card no. 07-KKK19 fejn ġie akkużat talli:

> nhar il-15 ta' Dicembru 2014 ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (03.00a.m) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi :-
>
> 1. Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Vittma (Art. 198 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
> 2. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' Vittma (Art. 207 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
> 3. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku (Art. 209 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
> 4. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr setgha skond il-ligi ta' awtorita kompetenti u barra rnill-kazijiet fejn il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew

issekwestra lill-istess Vittma kontra l-volonta' taghha u dan sabiex igieghla taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha (Art. 86, 87(1)(c)(g) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

5. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fil-gisem ta' Vittma (Art. 221 (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
6. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna/i inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. (Art. 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
7. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtiia skond il-ligi mill-awtorita kompetenti. (Art. 96 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
8. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fil-gisem ta' PC 1372 Alain Cutajar (Art. 221 (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta)
9. Nakkuzah aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra (Art. 338 (ff) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
10. Nakkuzah aktar talli fl-istess data aktar tard minn gewwa l-Ghassa San Giljan ikkometta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta' persuna/i nkarigati mill-kustodja tieghu. (Art. 151 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
11. Nakkuzah aktar talli fis- 17 ta' Dicembru 2014 irrifjuta jaghti, jew ta falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra (Art 338 (g) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
12. Nakkuzah aktar talli naqas milli jhares l-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Vittma LL.D, li bih inghata il-helsien mill-arrest.

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f'kaz ta htija tiprovdi ghal garanzija ta' Vittma skond artikolu 383 tal- Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-18 ta' Diċembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Anthony Cutajar, stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tiġbor il-provi f'dan il-każ u rat ukoll id-diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

Rat id-dokumenti kollha prodotti, inkluż l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat kif ukoll il-fedina penali netta tiegħu.

Semgħet ukoll ix-xiehda, inkluż u b'mod partikolari dik ta' Vittma, it-tfajla Maltija vittma f'dan il-każ; kif ukoll ir-relazzjonijiet tal-esperti nominati, inkluż dik tal-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri u Dr. Marisa Cassar.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 20 ta' Lulju 2015, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Seykou Ballde** fl-Artikoli 17, 31, 86, 87(1)(c)(g), 95, 96, 151, 198, 207, 209, 221(1), 338(g)(ff), 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 533 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu

370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tad-29 ta' Lulju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi x-xiehda huma kollha traskritti u din il-Qorti mhix ser toqgħod tirriproduċi x-xiedha kollha.  Sejra biss tagħmel riferenza għal dawk is-siltiet l-aktar rilevanti u tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha skont il-każ.

**L-ewwel imputazzjoni – Stupru vjolent**

Fir-rigward ta' dan ir-reat ix-xhud ewlenija hija l-vitma tal-allegat stupru, Vittma innifisha, tfajla Maltija ta' sitta u għoxrin sena, li tirrakkonta l-ġrajja tal-biża li għaddiet minnha f'dak il-lejl meta kienet sejra lura lejn id-dar wara li qattgħet ftit siegħat mal-ħbieb tagħha f'Paceville. Din tirrakkonta li kienet Paceville fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Diċembru 2014. Hekk kif għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn u nofs u t-tlieta ta' fil-għodu kienet sejra lura lejn il-karozza tagħha għaddiet mit-triq tal-Axis li hija kemxejn mudlama u disabitata. Hija kienet miexja fuq il-lemin tat-triq u nnutat li fuq in-naħa l-oħra tat-triq, aktar il-quddiem minnha, kien hemm raġel miexi l-isfel ukoll. Hekk kif Abela qorbot qisu lejn nofs it-triq dan ir-raġel beda jnaqqas il-pass tiegħu sakemm ġie livell magħha. Kien hemmhekk li qasam it-triq u mar mill-ewwel għal fuqha. Dan qabad, imbuttaha minn spallitha, żammha u mbuttaha għal fuq ċint baxx u mtarraġ li jinsab kważi lejn l-aħħar ta' dik it-triq.

Dak il-ħin tajret il-basket li kellha minn fuqha u dar-raġel beda jżommha minn spallitha u beda jipprova jneżżaħha. Abela tgħid li hija kienet qegħda tipprova żżomm kif tista' b'idejha u b'saqajha u bdiet tipprova

ma tħallihx ineżżaħha. Iżda meta ra hekk dan ir-raġel beda jsawwatha billi ta xi daqqiet b'saħħiethom fuq wiċċha u rasha (hi tiftakar żgur xi tnejn) u li kienu b'saħħithom. Minħabba dawn id-daqqiet li qalgħet mingħand l-imputat, ħarġilha d-demm minn wiċċha.

Abela bdiet tissuplikah biex jieqaf iżda dan injoraha u kompla jżommha minn spallitha u kompla jipprova jneżżgħalha ħwejjiġha. Iżda dan minflok waqaf beda jgħidilha : "don't stop me, I want to fuck you...don't stop me or I will punch you". Abela tixhed li hija kienet imbeżżża' ħafna minnu u dak il-ħin ma kien hemm ħadd għaddej. Hija ttawlet biex tipprova ġġib il-basket li kellha qrib tagħha u ħarġet tissue biex timsaħ id-demm li kellha ma wiċċha. Sadattant dan ir-raġel kien baqa' jissara magħha u beda jipprova jneżżgħalha ħwejjiġha.

Ix-xhud tixhed li dan ir-raġel ġie fuqha u li bil-piż tiegħu beda jżommha mimduda l-isfel fuq dan iċ-ċint b'mod li hija ma setgħetx tqum. Kompla jirsisti biex ineżżgħalha l-jeans li kienet liebsa u hija ma felħitx tagħmel aktar saħħa miegħu – ma setgħetx twaqfu u ma setgħetx taqla aktar daqqiet. Kompla jissara u jirsisti magħha tant li fl-aħħar irnexxielu jneżżgħalha l-jeans *tight fit* li kienet liebsa waqt li bagħet timplorah u tgħidlu "no, don't hurt me, stop please". Iżda dan ir-raġel għażel li jibqa' għaddej. Hija tgħid li meta kellimha dar-raġel kien jaf xi jrid u kien jaf x'inhu jagħmel u għalkemm ma xammitx xi riħa ta' xorb fuqu hija tgħid li kien aggressiv magħha. Kompla jżommha minn naħa tax-

xellug ta' ġisimha u bl-id l-oħra rnexxielu jgħolliha u beda jiġbed il-qliezi u rnexxielu jneżżgħalha l-jeans kompletament minkejja li hija bdiet tipprova tagħlaq saqajha biex ma jneħħilhiex il-jeans. F'dak il-mument hija spiċċat mingħajr qalziet u kellha biss it-top jgħattilha n-naħa ta' fuq ta' ġisimha. F'dak il-mument dan ir-raġel prova jdawwarha biex tiġi minn naħa ta' wara tagħha lejh.

Abela bdiet tgħidlu "no, no don't do this" u rnexxielha ddur wiċċha lejh u ġiet wiċċ imb wiċċ miegħu. Reġgħa imbuttaha fuq iċ-ċint u niżżel iż-żipp tal-qalziet tiegħu, ħareġ il-parti intima tiegħu u niżel għal fuqha biex jippenetraha vaġinalment billi għollielha saqajha f'salt minn taħt kuxtejha u minkejja li pruvat tagħlaqhom, huwa rnexxielu jiftaħhomlha mill-ġdid. F'dak il-mument Vittma ma kienet liebsa xejn mill-qadd l-isfel għaliex tgħid li l-"panty tat-tanga" li kienet liebsa kien irnexxielu jneżżgħahulha flimkien mal-jeans. F'dak il-mument għalhekk il-partijiet intimi tagħha kienu kompletament mikxufa.

A fol 45 Abela tixhed hekk : -

> Qorti : Mela dak il-ħin illi għolliek minn taħt kuxtejk imbagħad, għidt illi hu kien bil-qalziet imma bil-parti tiegħu barra, spjega x'għamel imbagħad?
>
> Xhud : Le għollieli saqajja u niżel għal fuqi u jiġifieri mill-ewwel ipprova jippenetra lili.
>
> Qorti : Ipprova li jippenetra?

> Xhud : Le ippenetra.
>
> Qorti : U meta qed tgħid ippenetra, ippenetra kollu jew parti minnu?
>
> Xhud : Ippenetra parti minnu, imma ippenetra.
>
> Qorti : Issa hu kemm dam ippenetrat?
>
> Xhud : Le just ftit sekondi, jiena rajt min naħa ta' fuq rajt dawl ta' karozza, din il-karozza d-dawl beda jiġi aktar viċin u niżlet karozza, hu kien qiegħed fuqi jiġifieri konna qegħdin ma xulxin pero rnexxieli noħroġ idi jiena u bdejt sejra hekk biex nipprova nwaqqaf din il-karozza u kienet karozza tal-Pulizija.

Peress li meta din ix-xhud tgħid li kelmet lill-Pulizija reġgħet użat l-espressjoni "li dan kien aggressiv miegħi u li pprova jirrejpjani" il-Qorti pruvat għal darba oħra tipprova tiċċara max-xhud jekk dak ir-raġel kienx fil-fatt stupraha jew kienx **<u>ipprova</u>** jistupraha. Fil-fatt ix-xhud għal din il-mistoqsija terġa twieġeb hekk : -

> Xhud : Iva, le irrejpjani.
>
> Qorti : Issa għid li din il-ħaġa damet, il-penetrazzjoni damet ftit sekondi, f'dawn il-ftit sekondi minn naħa tiegħu daħal fik u baqa' hemm jew għamel xi ħaġa oħra?
>
> Xhud : Le daħal fija u baqa' hemm hekk, il-parti ta' fuq ta' ġismi xejn, ma missnix, ma ppruvax inaħħili t-top jew hekk, just il-parti t'isfel.
>
> Qorti : Issa meta hu ippenetrak, tiftakar jekk f'xi mument iġġakulax jew le?
>
> Xhud : le, le.
>
> Qorti : ma laħaqx?
>
> Xhud : No. Imbagħad anka meta eventwalment jiġifieri morna l-isptar u hekk u għamluli t-testijiet, iċċekjaw suppost biex ikunu ċerti.

Ix-xhud ikkonkludiet ix-xiehda tagħha billi meta mistoqsija turi fl-awla jekk tagħrafx lil xi ħadd li kien involut f'dan l-inċident hija identifikat lill-imputat bħala dak ir-raġel li kellha l-inċident miegħu.

Minn naħa tiegħu l-imputat irrilaxxja żewġ stqarrijiet minn fol 14 sa' fol 20. Dwar dan l-allegat istupru fl-istqarrija rilaxxjata fil-15 ta' Diċembru 2014 huwa qal li kien fis-sakra ħafna u li jixrob ta' spiss. Huwa ma kienx normali għalih li jħebb u jistupra n-nisa u qatt ma kien jagħmel hekk is-soltu. Huwa jgħid li ma kienx jaf x'kien qiegħed jagħmel. Għalkemm ma kienx jaf x'kien qed jagħmel huwa jgħid li jista' jkun li ħebb għal din it-tfajla, ta daqtejn ta' ponn f'wiċċha, heddidha, tefagħha mal-art, neżżgħalha l-jeans u għamel l-att sesswali magħha wara li talbitu biex jieqaf diversi drabi. Huwa jgħid ukoll li jista' jkun li l-Pulizija kienu rawh fuq din it-tfajla bil-parti tiegħu barra. Għall-mistoqsija tal-Ispettur Micallef :

> M: ngħidlek sew li lil din it-tfajla inti kont qiegħed issegwiha minn qabel ma qbist fuqa?

Huwa jwieġeb hekk :

> T: Le jiena ma segwejtiex u meta ltqajt magha pacpact maghha qabel ma nezzajta.

Meta imbagħad irrilaxxja t-tieni stqarrija nhar it-18 ta' Diċembru 2014, l-ispettur Micallef staqsieh hekk :

> M : Tiftakar li fil-15 ta' Dicembru 2015 meta irilaxxajt stqarrija tkellimna fuq l-istupru li kont ghamilt dak in-nhar stess filghodu kmieni, tikonferma

inti li dak in-nhar kienu sabuk l-pulizija fuq tfajla Maltija waqt li kont qieghed tistupra?

T: Jien kont xrobt hafna u jiena ma niftakarx sew u forsi stuprajta?

M : Thobb tigi San Giljan hafna inti?

T: Iva.

M: Nghidlek sew lit kun sikwit fis-sakra?

T: Iva. Jiena anke meta ma nixrobx ninsa hafna fil-fatt hawn Malta kont fi Sptar tal-mohh.

L-imputat xehed fis-16 ta' Frar 2016. Huwa jtenni li ma jiftakar xejn minn dan l-inċident u li huwa kien xurban. Jgħid li għandu problema kbira bix-xorb. A fol 407 huwa stqarr li xtaq jiskuża ruħu ma din it-tfajla jekk għamel dawn il-fatti u skuża ruħu jekk dawn il-fatti ġraw.

Minbarra x-xiehda tal-vitma u tal-imputat, hemm ukoll xiehda okulari oħra li hija rilevanti għal din l-ewwel imputazzjoni. Għalkemm din it-tfajla kellha xorti ħażina li tgħaddi minn din l-esperjenza tal-biża, kellha almenu x-xorti li fis wara li ġiet ippenetrata vaġinalment inzertat għaddejja karozza tal-Pulizija minn dik it-triq. Fil-fatt PC1372 Alan Cutajar u PC850 Stephen Micallef kien għaddejjin bir-ronda tagħha meta għall-ħabta tat-tlieta u għaxra ta' fil-għodu tal-15 ta' Diċembru 2014 huma għaddew minn Triq San Ġorg, San Ġiljan u hemmhekk innutaw tnejn minn nies fil-ħaxix u semgħu l-għajjat ta' tfajla u kif waqfu semgħu lit-tfajla tgħajjat għall-ajjut billi tgħid "ieqaf, ieqaf, ieqaf".

PC1372 waqaf u niżel mill-karozza tas-servizz u mar mill-ewwel fuq l-imputat fejn ra li kien "fizikament miftuh fuq persuna femminili". Ra li din it-tfajla kellha d-demm ma wiċċha kollu u dak il-ħin qabad lill-imputat u għollih minn fuq din it-tfajla. PC1372 jgħid li kif l-imputat induna li kienu Pulizija, l-imputat beda jissara miegħu u anke beda jfajjar daqqiet ta' minkeb u mbuttah. Minħabba li l-imputat kien aggressiv, beda jissara u jiġġieled ma' PC1372 it-tnejn spiċċaw waqgħu fuq il-ħaxix. PC1372 jgħid li l-imputat kellu l-parti tiegħu barra u esposta u t-tfajla kienet imneżża' bla qalziet. Hi kienet mingħajr qalziet ta' taħt għalkemm kellha top fuqha. Kif rawha hekk PC 850 ta' l-ġakketta tas-servizz biex jgħattiha.

PC 850 Stephen Micallef jixhed b'mod simili għal dak li xehed PC1372. Huwa jgħid li t-tfajla kienet mingħajr qalziet u fil-fatt il-qalziet tagħha sabu hu u tahulha flimkien mal-ġakketta tax-xita tas-servizz biex tkun tista titgħatta. Huwa jtenni li t-tfajla bdiet titriegħed ħafna u huwa pprova jikkalmaha kif setgħa dak il-ħin. Ra li f'wiċċha kellha ġrieħi u kellha xi demm f'ħalqha wkoll. L-imputat li qabel kienu rawh fuq it-tfajla kellu l-parti tiegħu barra u x'ħin arrestawh l-imputat kien għad għandu l-parti tiegħu barra. Dwar dak li ra' fl-ewwel mumenti meta intebah li kien hemm l-imptutat fuq Abela dan ix-xhud jgħid li

> Hu kien fuqha sewwa f'posizzjoni ifhimni mhux dicenti....miftuhin, saqajha miftuhin u kienu biex jaghmlu..hu rajtu qisu qed jipprova jagħmel

> is-sess magħha pero hi minn naħa tagħha rajniha qisha tipprova timbuttah b'idejha minn fuqha...le ċert. Ċert minnu li rajtha tipprova timbuttah, ċert minnu li hi kellha saqajha miftuħin u naħseb li hu l-movimenti kif kienu tiegħu kienu illi qed jipprova jagħmel is-sess magħha.

Minbarra din ix-xiehda, hemm ukoll ix-xiehda tal-periti tekniċi konsistenti fir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri u dik ta' Dr. Marisa Cassar. Il-Qorti tqis li dawn ir-relazzjonijiet isaħħu t-teżi tax-xhud Vittma li hija fil-fatt ġiet stuprata kif xehdet. Dr. Scerri jgħid li huwa ma sabx evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata fis-sens li ma kienx hemm leżjonijiet friski, ħmura, abbrażjonijiet jew grif. Iżda huwa jikkwalifika li dan ma jfissirx li l-penetrazzjoni tkun eskluża. Li ġieli jiġri huwa li l-vitma tkun imbeżżgħa' ħafna u allura tissottometti ruħha. F'dan il-każ Dr. Scerri ra li kien hemm evidenza ta' vjolenza eżerċitata fuq il-vitma minħabba li kellha daqqiet fuq wiċċha u abrazjoni fil-minkeb u d-daqqiet li kellha fuq wiċċha ma kienux kompatibbli ma ħakk ma ċint. Inoltre kien hemm abrażjonijiet fuq ħalq il-vitma li kienu kompatibbli ma grif li probabbilment ġie kaġunat meta prova jgħalqilha ħalqha.

Mir-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar jirriżulta li ma kienx hemm evidenza ta' likwidu seminali attribwibbli għall-imputat fuq il-persuna jew fil-persuna ta' Vittma.

Dawn iż-żewġt relazzjonijiet isaħħu l-kredibbilita ta' Vittma. Il-Qorti għarblet ix-xiehda ta' din il-persuna bil-mezzi imsemmija fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u qieset li l-mod kif xehdet, il-mod konsistenti kif

wieġbet il-mistoqsijiet, l-imġieba tagħha meta xehdet u rrakkuntat il-każ iwasluha temmen li din it-tfajla kienet qegħda tgħid il-verita fuq dan il-każ. Filwaqt li tiddeskrivi l-aggressjoni subita minnha, ma tippruvax iżżid dettalji jew tagħti kulur żejjed li jitfa' dell aktar ikraħ fuq l-aggressur milli dovut.

L-ispjegazzjoni li ta Dr. Mario Scerri dwar ir-raġuni għaliex ma sabx leżjonijiet friski u evidenza ta' penetrazjoni furzata taqbel ma dak li tixhed Vittma meta tgħid li hija ma felħitx għall-imputat kemm minħabba s-swat tiegħu, kemm minħabba t-theddid tiegħu li jkompli jsawwatha kif ukoll minħabba li ma felħitx għal din is-saħħa ta' dan ir-raġel. Minkejja li pruvat tirreżisti kif setgħet fl-aħħar mill-aħħar għelibha u rnexxielu jistupraha kif xehdet. Hija tgħid li l-imputat irnexxielu jippenetraha u li din il-penetrazzjoni seħħet iżda damet ftit sekondi u li fil-frattemp l-imputat ma eġakulax. Fil-fatt dan jirriżulta b'mod xjentifiku mir-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar.

Abela tgħid li l-imputat ħallielha t-top intatt u l-parti ta' fuq ta' ġisimha ma messhiex mentri kien ikkonċentrat fuq il-parti t'isfel – li rnexxielu jneżżgħalha kompletament. Tgħid li hija rreżisitietu u li sawwatha fuq wiċċha u dan huwa wkoll konfermat mir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri. Hija tgħid ukoll li ppruvat tirreżisti lill-aggressur u stupratur tagħha u dan huwa wkoll korroborat mix-xiehda ta' PC1372 u PC 850 – li *tra l'altro* sabu lilha għarwiena ħuta minn qaddha l-isfel b'saqajha miftuħin

bl-imputat fuqha bil-parti privata tiegħu barra waqt li kien qiegħed jagħmel movimenti li juru li ried jagħmel is-sess magħha.

Din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-elementi kollha li jikkostitwixxu r-reat ta' stupru vjolent ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni. L-element tal-vjolenza (f'dan il-każ fattwalment eżerċitata u li kienet kemm fiżika kif ukoll morali) kif ukoll il-penetrazzjoni (f'dan il-każ vaġinali) mingħajr il-kunsens tas-suġġett passiv ġew soddisfaċentement ippruvati.

**<u>It-tieni imputazzjoni – attentat vjolenti għall-pudur</u>**

Illi ġjaladarba din il-Qorti sabet li r-reat indikat fl-ewwel imputazzjoni ta' stupru vjolent jirriżulta integrat, multo magis jirriżulta wkoll integrat ir-reat minuri iżda kompriż u involut fir-reat ta' stupru vjolent tal-attentat vjolenti għall-pudur. Il-Qorti sejra tieħu kont ta' dan fil-piena infliġġenda ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali.

**<u>It-tielet imputazzjoni – offiża għall-pudur jew għall-morali magħmula f'post pubbliku</u>**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta suffiċjentement ippruvat li l-istupru de quo seħħ fi Triq San Ġorg, f'San Ġiljan. Din hija triq pubblika. Ir-reat ta' stupru vjolent huwa reat li joffendi l-pudur jew il-morali. Konsegwentement dan ir-reat jirriżulta wkoll integrat. Il-Qorti sejra tieħu kont ta' dan fil-piena infliġġenda ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali.

**<u>Ir-raba imputazzjoni – offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Vittma</u>**

Kemm mix-xiehda ta' Vittma, kif ukoll minn dik tal-aġenti tal-Pulizija PC1372 u PC850, kif ukoll minn dik teknika ta' Dr. Mario Scerri jirriżulta ampjament ippruvat li matul l-aggressjoni imwetqa mill-imputat fuq il-persuna ta' Vittma huwa volontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna tagħha. Dan ir-reat għalhekk jirriżulta wkoll integrat.

**<u>Il-ħames imputazzjoni – arrest illegali kwalifikat</u>**

F'dan il-każ jirriżulta pruvat li l-imputat żamm lill-Vittma kontra r-rieda tagħha u dan kemm qabel kif ukoll waqt li kienet qed tiġi stuprata, sabiex tkun tista' tiġi stuprata. Il-Qorti hija ben konxja mill-ġurisprudenza lokali li qieset li r-reat t'arrest illegali kwalifikat ma jistax

jitqies integrat meta si tratta taż-żamma ta' persuna sabiex din tkun tista' tiġi stuprata. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-19 t'Ottubru 2006 intqal hekk :

> Ikkonsidrat;
>
> Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.
>
> Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar- reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn *"consenting adults"* taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra.

Issa l-fattispecie f'dan il-każ huma differenti fis-sens li Vittma ma ġietx miżmuma mill-imputat biss waqt l-att tal-istupru innifsu. F'dan il-każ l-istupru kien preċedut minn episodju **<u>qabel</u>** ma beda jseħħ l-istupru. Irriżulta ppruvat sal-grad rikjest li l-imputat qasam it-triq u ddiriġa ruħu fid-direzzjoni tal-vitma għal fuqha. Għal mumenti, li setgħu kienu relattivament qosra, iżda li effettivament seħħew, l-imputat żamm lill-vitma milli tkun tista' tibqa miexja f'ħajjitha u fit-triq tagħha għall-affari tagħha kif ukoll milli tkompli teżerċita r-rieda ħielsa tagħha, inkluż dik tal-moviment tagħha u dan kontra r-rieda tagħha għal perjodu ta' ħin u dan sakemm huwa rnexxielu jimmobilizzaha biżżejjed biex ikun jista'

jneżżaħha u konsegwentement iwettaq l-istupru vjolenti fuqha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-episodju għandu jiġi moqri bħala li huwa legalment separat u distint mill-episodju sussegwenti t'immobilizzar fil-waqt li kien ġie kommess l-istupru vjolent għall-iskop li jkun jista' jitwettaq l-istupru vjolent.

F'dak il-mument, anke jekk temporanjament qasir, iżda li xorta jibqa' penalment rilevanti ta' qabel it-twettieq tal-att tal-istupru, f'dan il-każ skatta r-reat tal-arrest illegali kwalifikat skont kif imsemmi fl-Artikolu 87(1)(h) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li jekk id-delitt (*inter alia* tal-arrest illegali) ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna ir-reat tal-arrest illegali jitqies li huwa kwalifikat.

Minn din l-ottika il-Qorti tqis li r-reat tal-arrest illegali f'dan il-kuntest mhux legalment inkompatibbli mar-reat tal-istupru vjolent; iżda huwa penalment rilevanti u ġuridikament kompatibbli mal-progressjoni tal-fatti li jwasslu għall-istupru vjolent. L-azzjoni fiżika u mentali tal-imputat hawn fuq deskritta fuq il-persuna tal-vitma fil-mumenti preċedenti l-att tal-istupru jinkwadraw ruħhom fil-figura ġuridika tal-arrest illegali u mhux biss atti preparatorji għat-twettieq tal-att tal-istupru vjolent. F'dan il-każ, l-imputat iddeġenera mill-arrest illegali finalizzat biex il-vitma tiġi mġiegħela tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha billi sfoċa fl-istupru vjolenti.

Imbagħad fil-mument tal-konsumazzjoni tal-istupru vjolenti, dil-Qorti taqbel ma dak mistqarr fis-sentenza ***Pandolfino*** ċjoe li fil-mument tal-istupru l-azzjoni taż-żamma tal-vittma issir parti integrali mir-reat aktar nefast tal-istupru vjolenti. Biss dan ma jfissirx li l-imputat ma għandux jirrispondi wkoll għal dik l-azzjoni tiegħu li biha arrest u żamm lill-vitma tar-reat illegalment għal perjodu temporali kontra r-rieda tagħha fil-perjodu ta' żmien preċedenti l-konsumazzjoni tal-istupru vjolent. Del resto mhux kull stupru vjolent ikun preċedut minn episodju simili għal dan il-każ. Din il-Qorti tqis li din hija posizzjoni ġuridikament korretta għar-raġunijiet dottrinali segwenti li jispegaw aħjar ir-reat tal-arrest illegali.

Ir-reat t'arrest illegali jinkludi fih tliet ipoteżi differenti u ċjoe dik tal-arrest, taż-żamma jew tas-sekwestru tas-suġġett passiv. Fil-forma oriġinali tiegħu l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jirriproduċi kważi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilieli kien jippreskrivi s-segwenti : -

> Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio.[1]

Skont il-maġġoranza tal-awturi ta' dak iż-żmien riċerkati minn din il-Qorti jirriżulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta'

[1] Il Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.

"carcere privato". Sa minn żmien il-**Carmingnani** kien ġie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipoteżi tal-arrest ta' persuna mingħajr awtorita leġittima.[2] Il-**Carmignani** kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' ***carcere privato*** – (a) fis-sens proprju ristrett u dak ta' (b) *carcere privato per equipollenza*. Biss sa minn din it-tifsira bikrija jirriżulta li l-kunċett ta' *carcere privato* kien ristrett għall-ipoteżi ta' attest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta persuna.

> E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3).

**Francesco Sav. Arabia**[3] li jikkummenta wkoll fuq il-Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jgħid li :-

> *Arresta* chi privando un'uomo della sua liberta' lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: *detiene* chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: *sequestra* chi priva altri della sua liberta' separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta' civile e' compreso nella sanzione di questo articolo.

Skont l-Arabia dan ir-reat mhux limitat għal meta tiġi mhedda biss il-liberta' naturali tas-suġġett passiv iżda wkoll meta l-liberta' ċivili tas-

---

[2] Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di malta, Napoli, 1854, page 248-249.
[3] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.

suġġett passiv tiġi newtralizzata – kunċett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' liberta naturali.

Biss il-Codice per lo Regno delle due Sicilie espanda fuq il-kunċett ta' *carcere privato* billi żied b'mod espliċitu mhux biss l-ipoteżi tal-arrest jew detenzjoni iżda wkoll dik tas-sekwestru ossija *sequestro*. Dawn huma għalhekk tliet ipoteżi differenti li pero jikkostitwixxu r-reat tal-*carcere privato.* Maż-żmien din it-tifsira tal-*carcere privato* evolviet u diversi awturi Taljani oħra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun tista' tiġi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiżiku delineat bħal residenza jew ambjent magħluq.

Skont ir-**Roberti**[4] dan ir-reat kien jaqa' fil-kategorija ta' reati intiżi li jittutelaw il-liberta' personali minkejja l-fatt li kienu jinsabu fis-sub-titolu *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica autorita'*. **Roberti** jgħid :

> La legge adopera l'espressioni *arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona.* Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo' attentare alla liberta' della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di *carcere privato* non s'intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l'impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado **o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell'art. 169 esista sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova;** sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.[5]

[4] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.
[5] Enfażi miżjuda.

**Ferrarotti**, li jikkummenta fuq il-Kodiċi tal-Piemonte[6] li kien jippreskrivi disposizzjoni simili għall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku aktar il-fuq imsemmi jistqarr :

> Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta' individuale; non e' necessario il concorso della forza materiale e della violenza; *cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini.*

Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew żamma illegali mhux meħtieġ li jkun imwettaq b'xi vjolenza jew bl-eżerċizzju ta' forza materjali fuq is-suġġett passiv tar-reat. Skont dik il-Liġi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali eżerċitata fuq is-suġġett passiv, is-suġġett attiv jirrendi ruħu responsabbli għar-reat fil-forma kwalifikata tiegħu. Inoltre huwa jtenni li ma hemmx bżonn li jiġi determinat jew stabbilit xi motiv speċifiku wara l-arrest, żamma jew sekwestru tas-suġġett passiv.

Il-**Buonfanti** fil-*Manuale Teorico-Pratico del Diritto Penale*, kummentarju fuq il-Kodiċi Penali tat-Toskana[7] jgħid : -

> Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto *materiale*, e la sua *moralita'*. Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per *l'arresto*, la *detenzione*, il *sequestro.* Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e

[6] Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, p 294.
[7] J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

> conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici pel loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerata come arrestata o detenuta… Quanto poi alla *moralita',* ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene.

Dan l-element tal-*moralita'* huwa wkoll rifless fl-argumentazzjoni aktar bikrija tal-**Carmignani** li saħaq fuq l-importanza tal-użurpazzjoni tal-awtorita' maġistrali riflessa fl-azzjoni tas-suġġett attiv. Huwa jżid :

> Quanto poi alla causa del fatto medesimo, perche questo abbia a reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dell'agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorita' che ai soli magistrati compete.

Bħal **Ferrarotti,** ir-**Roberti** jisħaq li l-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku ma jirrikjedix li jiġi pruvat il-motiv wara l-arrest, id-detenzjoni jew is-sekwestru illegali; u li l-att innifsu magħmul bl-intenzjoni kriminuża huwa suffiċjenti biex jiġi integrat ir-reat. Huwa jtenni wkoll li dan ir-reat għandu wkoll mir-reat ta' *vie di fatto* (simili għar-reat ta' *ragion fattasi*). Biss ir-**Roberti** jtenni li kontra d-dritt Ruman u l-Kodiċi tal-1808 li kienu jiffiguraw ir-reat ta' *carcere privato* bħala li jirrifletti l-intenzjoni tas-suġġett attiv li jieħu l-Liġi b'idejh fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku dan ir-rekwiżit ma kienx meħtieġ.

Iżda l-istess awtur jikkonċedi li fil-maġġoranza tal-każijiet l-arrest, iż-żamma jew is-sekwestru ta' persuna ikun imwettaq mis-suġġett attiv sabiex jimponi lilu innifsu forzożament fuq is-suġġett passiv jew fuq sitwazzjoni b'mod li għalhekk jieħu l-liġi b'idejh permezz t'azzjoni unilaterali. Huwa jtenni li dan setgħa jiġi inferit mill-fatt li l-Leġislatur Borboniku qiegħed ir-reat ta' *carcere privato* immedjatament wara r-reat ta' *vie di fatto*. U dan huwa eżattament dak li għamel il-Leġislatur Malti li kkolloka r-reat tal-arrest illegali immedjatament wara r-reat ta' *ragion fattasi*!

Dan huwa kollu rilevanti sabiex wieħed ikun jista' japprezza aħjar l-azzjoni tal-imputat li qabel ma kkommetta l-istupru vjolenti huwa għamel attack unilaterali u illegali fuq il-liberta' ta' Vittma billi ddeċieda li jwaqqaf lill-vitma milli tkompli miexja libera u teżerċita l-liberta' tagħha lejn id-destinazzjoni tagħha. Mhux hekk biss talli huwa, bl-azzjoni unilaterali tiegħu ukoll għażel li jżommha forzożament u fiżikament milli tkun tista teżerċita r-rieda tagħha b'mod ħieles. Huwa żammha għal perjodu ta' ħin f'post partikolari kontra r-rieda tagħha b'mod li ma setgħetx tiċċaqlaq u timxi jew titlaq liberament. Agħar minn hekk immobilizzaha bil-ħsieb tiegħu ikun finalizzat biex il-vitma tiġi mġiegħela tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha tant li wara l-azzjoni kriminuża tiegħu iddeġenerat billi sfoċat fl-istupru vjolenti ta' Vittma.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputat indubbjament għandu rigorożament jirrispondi wkoll għal dan ir-reat b'mod separat minn dak tal-istupru vjolent fuq Vittma.

**Is-sitt, is-seba' u t-tminn imputazzjonijiet – inġurji jew theddid kontra persuna inkarigata minn servizz pubbliku; attakk u reżistenza u offiża ta' natura ħafifa**

Dawn ir-reati sejrin jiġu trattati flimkien in kwantu fiċ-ċirkostanzi ta' kif żvolġa dan il-każ il-Qorti tqis li dawn ir-reati huma marbuta ma' xulxin. Ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mix-xiehda ta' PC1372 Alan Cutajar u PC 850 Stephen Micallef li hekk kif ġie sorpriż *in flagrante delicto* u mwaqqaf l-imputat, huwa ma tax ruħu f'idejn il-Pulizija bil-kwiet.

A fol 121, 126-127, PC1372 jixhed li meta niżel mill-karozza tas-servizz huwa qabad lill-imputat minn spaltu u minn daru u qajmu minn fuq il-vitma. Hawnhekk dan l-Aġent tal-Pulizija ra li kien każ li jiġi mwettaq l-arrest tal-imputat. Dan ix-xhud jgħid li hekk kif l-imputat induna li kienu Pulizija l-imputat beda jissara ma' PC1372 u mhux talli ipprova li jirreżisti l-arrest talli beda anke jfajjar daqqiet bil-minkeb fuq il-persuna ta' PC1372. L-imputat beda wkoll jimbuttah tant li waqt il-kollutazzjoni

li kien hemm bejniethom kemm PC1372 kif ukoll l-imputat spiċċaw waqgħu fuq il-ħaxix u l-ġebel. PC1372 jisħaq li l-imputat taħ daqqa ta' minkeb fuq wiċċu, preċiżament fuq għajnejh ix-xellugija, kif ukoll huwa sofra offiża fuq idu u f'saqajh meta waqgħu it-tnejn fuq il-ħaxix u ġebel. Dan ix-xhud kien ċar fix-xiehda tiegħu li l-imputat beda jissara miegħu minkejja li beda jipprova jikkalmah u dan wara li ntebaħ li kien Kuntistabbli tal-Pulizija. L-imputat baqgħa aggressiv lejn u mal-Pulizija sal-mument li huwa ġie mmanettjat u mdaħħal fil-karozza tas-servizz.

Dan l-episodju huwa wkoll konfermat mix-xiehda ta' PC850 Stephen Micallef li a fol 137 jixhed li hekk kif PC1372 ġibed lill-imputat minn fuq Vittma l-imputat fajjarlu daqqa ta' minkeb fuq għajnejh. Huwa ra li PC 1372 kellu bżonn l-għajnuna għaliex l-imputat kien aggressiv miegħu u ma kienx qiegħed iħalli lil PC1372 jarrestah. Fil-fatt dan ix-xhud kellu jitlaq lil vitma għal xi mumenti sakemm mar biex jassisti lil PC1372 biex ikunu jistgħu jikkontrollaw lill-imputat aggressiv. Iżda mument minnhom minħabba r-reżistenza li kien qiegħed joffri l-imputat ra lil PC1372 u lill-imputat saħansitra jaqgħu fl-art.

Mix-xiehda ta' Dr. Mario Scerri, li invista lil PC1372 madwar tlettax il-siegħa wara l-inċident jirriżulta li verament PC1372 kellu nefħa fuq l-aspett laterali u t-tarf laterali tas-*supraorbital ridge* tax-xellug kif ukoll nefħa fuq l-aspett dorsali tal-pala tal-id il-leminija kif ukoll nefħa fuq l-aspett laterali tal-qasba tas-sieq il-leminija. Dawn kienu kompatibbli

kollha kemm huma ma *blunt trauma*. Dawn il-ġrieħi huma kompatibbli mar-rakkont ta' PC1372 dwar il-mod kif ġew rekati.

Fl-istqarrija tiegħu rilaxxjata fil-15 ta' Diċembru 2014 l-imputat stqarr li meta qabduh il-Pulizija huwa ma għamel xejn. Biss jekk il-Pulizija kienu qalu li huwa rreżistihom, huwa ma kienx jaf li għamel hekk.

F'dan l-isfond, din il-Qorti jidhrilha li l-imputat f'dan il-każ kompla jiżbalja fl-aġir tiegħu. Ma kienx biżżejjed għalih li jistupra tfajla Maltija bint l-art li laqgħetu u tagħtu kenn, iżda kompla biex meta ġie mwaqqaf mill-Pulizija milli jkompli bl-azzjoni kriminali tiegħu huwa saħansitra ħadha kontra l-Pulizija, irreżistihom u aggredixxa fiżikament lil PC1372 u kkaġunalu offiżi ta' natura ħafifa.

Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat ikkommetta r-reat imsemmi fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu ġie soddisfaċentement ippruvat li huwa għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku – ossija PC1372, waqt li dan kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qiegħed għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl- esekuzzjoni ta' dak is-servizz. L-offiża ta' natura ħafifa ġiet ippruvata soffisfaċentement kemm mid-deposizzjoni ta' PC1372 kif ukoll mir-riskontri mediċi u xjentifiċi magħmula minn Dr. Mario Scerri.

Iżda l-azzjoni tal-imputat ma waqfitx hemmhekk. Wara li l-Qorti għarblet il-provi kollha nonche l-ġurisprudenza applikabbli għall-istess, tqis li l-estremi tar-reat imnissel mill-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali ġew integrati wkoll f'dan il-każ. L-imputat irreżista dan l-arrest u waqt din ir-reżistenza ġie ferut PC1372. Dan l-Aġent tal-Pulizija itennu li l-imputat kien aggressiv u attakkah bil-minkeb u beda wkoll jimbuttah. Il-kwistjoni legali hija – l-imputat qabez il-limiti tar-reżistenza għall-arrest li jwassal għal reżistenza bi vjolenza jew addirittura attakk fuq il-Pulizija?

Skont l-Imħallef William Harding sedenti fil-Qorti Kriminali fil-każ ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 : -

> Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

Issa f'dan il-każ, din il-Qorti tħoss li mill-provi prodotti dak li ghamel l-imputat kien preċiżament li rreżista lill-Pulizija mhux biss għax kien

spint mix-xewqa naturali tal-liberta proprja. Anzi din il-Qorti hija moralment konvinta li bl-aġir tiegħu l-imputat spinġa jdejh fuq il-Pulizija li kien qiegħed jipprova jarrestah u dan b'mod ried li **joffendih fuq il-persuna tiegħu**. Il-grieħi sofferti minn PC 1372 kienu konsegwenzjali għall-movimenti fiżiċi tal-imputat imwetqa intenzjonalment u b'għarfien ta' dak li kien qiegħed jagħmel fil-mument meta PC 1372 kien qiegħed jipprova jarrestah. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz ***Il-Pulizija vs Lawrence Attard*** deċiż mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 ingħad li :

> biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb **u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi** jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95. (enfazi mizjuda).

In definittiva l-Qorti tqis li s-sitt, is-seba' u t-tminn imputazzjonijiet ġew soddisfaċentement ippruvati. Il-Qorti pero sejra tgħati piena skont il-prinċipji imsemmija fl-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali relattivament għal dawn it-tliet reati.

**Id-disa' imputazzjoni – kontravvenzjoni dwar l-istat ta' sokor f'lok pubbliku**

Din il-Qorti rat li mix-xiehda ta' dawn il-Pulizija jirriżulta li a fol 146 PC850 Stephen Micallef jixhed li huwa ma jiftakarx li xamm xi riħa ta' xorb fuq l-imputat jew il-vitma. L-istess tistqarr il-vitma. Din il-Qorti issibha diffiċli temmen li l-imputat tant kien xurban kif qiegħed jgħid fl-istqarrijiet tiegħu u fix-xiehda tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar irriżulta mill-provi prodotti li kien f'siktu biżżejjed biex irnexxielu mhux biss jimmobilizza lill-vitma, talli rnexxielu jneżżgħalha jeans tight fit kif ukoll irnexxielu jkollu erezzjoni biżżejjed li jirnexxielu jippenetraha vaġinalment. Minkejja dan, anke jekk kien xurban ma jirriżultax almenu sal-grad tal-probabbli li dan l-istat t'ebrezza kien ġie indott fih inkonsapevolment jew mingħajr ir-rieda tiegħu. Din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova din il-kontravvenzjoni sal-grad rikjest mill-Liġi.

**L-għaxar imputazzjoni – ħarba sempliċi mill-kustodja tal-Pulizija**

Mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xheda ta' PS1128 Glenn Sammut a fol 154 et seq kif ukoll minn dik ta' PC1111 Brydon Borg A FOL 161 irriżulta li wara li l-imputat kien ġie arrestat mill-Pulizija,

ħuwa ġie meħud fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan. Huwa inżamm hemmhekk sakemm ġie interrogat mill-Ispettur Trevor Micallef li ħadlu stqarrija fil-16:30 tal-15 ta' Diċembru 2014. Iżda ġara li waqt li kien marbut permezz ta' manetta ma bank tal-ħadid li hemm fl-Għassa ta' San Ġiljan (u dan għaliex l-għassa kienet imkissra), l-imputat irnexxielu joħroġ idu li kienet immanettjata mill-manetta u ħarab mill-Għassa ta' San Ġiljan billi tela' fuq il-bejt u ħarab minn ġardina fil-qrib.

Il-Qorti jidhrilha li f'dak l-istadju l-imputat kien persuna li kienet miżmuma skont il-Liġi u li kienet tinstab, f'dak il-mument, f'post li kien maħsub għall-kustodja tagħha. L-imputat ma kellu ebda jedd li jaqbad u jaħrab mill-kustodja tal-Pulizija stante li huwa kien għadu miżmum in konnessjoni mal-investigazzjoni dwar l-istupru vjolenti, kif ukoll l-attakk u r-reżistenza fuq il-Pulizija u r-reati l-oħra kommessi minnu. F'dan l-isfond il-Qorti jidhrilha li r-reat imsemmi fl-Artikolu 151 b'riferenza għal dak dispost fl-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali huwa wkoll integrat.

**<u>Il-ħdax l-imputazzjoni – ġeneralitajiet foloz</u>**

Kemm mill-istqarrija tiegħu rilaxxjata fit-18 ta' Diċembru 2014 a fol 18 kif ukoll mix-xiehda ta' diversi Aġenti tal-Pulizija li rnexxielhom jintraċċjaw u jarrestaw lill-imputat f'Buġibba nhar is-17 ta' Diċembru

2014 fosthom PS1475 Francis Cassar (fol 183), WPS Donna Frendo (fol 187), PC105 Kenneth Victor Cini (fol 175 et seq), PC374 Joseph Buttigieg (fol 179), jirriżulta pruvat soddisfaċentement li kif sabu lill-imputat dan qallhom li kien jismu David Bah u meta staqsewh għad-dokumenti dan qal li ma kellux fuqu u li kien tilef l-ID card xi ġimgħa qabel. Ħaduġ l-Għassa tal-Qawra u wara l-imputat ġie identifikat mill-Għassa ta' San Ġiljan. Il-Qorti tqis li dan ir-reat kontravvenzjonali ġie wkoll integrat.

**<u>It-tnax l-imputazzjoni – ksur ta' kundizzjonijiet tad-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest</u>**

Bix-xiehda tal-Ispettur Melvyn Camilleri a fol 148 jirriżulta li l-imputat li ġie minnu identifikat fl-awla, kien ġie imressaq quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Anthony Vittma u li din il-Qorti kienet ikkonċedietlu l-ħelsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet kif jidhru a fol 152. Fosthom l-imputat kien marbut bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest kif ukoll il-kundizzjoni ta' rinkażar fl-22:00 u li ma joħroġx mir-residenza qabel is-07:00. Dawn il-kundizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ fil-mument tal-kummissjoni tar-reati de quo kif ukoll li ma kienux mibdula. Il-kawża de quo kienet għadha għaddejja wkoll fil-mument meta ġew kommessi r-reati de quo. Din l-imputazzjoni tirriżulta wkoll ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi.

## ***<u>Deċide : -</u>***

Li wara li rat l-Artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-Ġudizzju tiegħu aktar il-fuq imsemmija jiġifieri l-Artikoli 17, 31, 86, 87(1)(c)(g), 95, 96, 151, 198, 207, 209, 221(1), 338(g)(ff), 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 533 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti filwaqt li qegħda ssib lill-imputat Seykou Ballde mhux ħati tad-disa' imputazzjoni peress li ma ġietx soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena, fil-kontemp qegħda ssibu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu jiġifieri l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tminn imputazzjoni kif ukoll l-għaxar, il-ħdax u t-tnax il-imputazzjoni u tikkundannah għall-piena komplessiva ta' **<u>disa' snin priġunerija flimkien ma multa komplessiva ta' ħamest elef euro (€5000)</u>**.

Inoltre b'riferenza għat-tnax il-imputazzjoni il-Qorti tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ċjoe l-ammont ta' elf (€1000) euro għandu jiġi konfisfat favur il-Gvern ta' Malta

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u tipprojbixxi lill-ħati milli javviċina, jsegwi, jivvessa jew jimmolestja l-movimenti ta' Vittma u dan għal perjodu ta' tliet snin.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u peress li jirriżultalha li fil-fatt f'dan il-każ kien hemm inkjesta Maġisterjali li fiha kienu ġew maħtura esperti, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż peritali inkorsi f'dan il-każ, li jammontaw għal ħamest elef erba' mija disa' u sebgħin euro u tmintax il-ċenteżmu (€5479.18)

***Mogħtija illum il-11 ta' Lulju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM** ***11. vii. 2016***

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Seykou Ballde**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t`Ordni ta' Protezzjoni kontra l-ħati **Seykou Ballde** taħt il-kundizzjonijiet segwenti u ċioe` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali:

a) Tipprojbixxi l-ħati milli **b'kull mod,** kemm direttament kif ukoll indirettament, inkluż permezz tat-telefon jew b'xi mod ieħor ikellem, javviċina, jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil Vittma;

b) Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ ghal perjodu ta' tliet snin;

c) Jekk mingħajr raġuni valida il-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

***Il-Maġistrat*** ***Il-Ħati***

***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***